KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 44

**Il-Ħamis 28 ta' Lulju 2022**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 44.1 Qari tal-Apoloġiji

44.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 43

44.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

44.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 43 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 44.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

44.3.1 Is-Sindku informa li l-offerta tal-pjazza kienet lesta u kien appikk li jerġa' jiġi ppubblikat fil-ġimgħat li ġejjin. Huwa informa wkoll li min-naħa tal-PWD kienu se jagħmlu ftit patching tal-konkos temporanju fil-pjazza kemm għallanqas jitneħħa l-periklu mill-madum li qed jinqala'.

44.3.2 Is-Sindku informa li kienet intbagħtet kommunikazzjoni dwar in-nuqqas ta' dawl fi Triq Gregorio Carafa. Huwa kien kellem ukoll lis-CEO tal-Enemalta u spjegalu dwar id-dawl mitfi u s-sistema ħażina li saret fi żmien li saru l-arbli mill-HA. Huwa kien infurmah ukoll li l-arblu ta' Triq Vincenzo Bonello kien għadu ma xegħelx.

44.3.3 Is-Sindku informa li l-Enemalta u l-AKL iffirmaw kuntratt għall-irranġar tal-istreet lighting. Huwa qal li bħala lokalità b'dan il-ftehim kien hemm iċ-ċans li se nibbenefikaw minħabba li kienu qed jipproponu li jinbidlu l-arbli u l-bozoz għal dawk moderni u se jkun hemm ukoll maintenance agreement għal 5 snin. Is-Sindku informa li din il-materja kienet se tiġi diskussa wkoll fuq livell reġjonali sabiex tinġab aktar informazzjoni.

44.3.4 Sadanittant issemma' l-proġett ta' arbli u bozoz ġodda li hemm bżonn li jsiru bejn l-eks *barracks*. Kien hemm qbil li s-Sindku għandu jagħmel kommunikazzjoni mas-CEO ta' IM dwar din il-kwistjoni sabiex naraw jekk kienx hemm xi metodu kif tista' tissolva.

44.3.5 Is-Sindku informa li min-naħa tar-Reġjun Tramuntana kien ikkummissjona li jsir *Social Impact Assessment* fuq il-lokalitajiet kollha tar-reġjun li jiffurmaw parti minnu.

44.3.6 Is-Sindku informa wkoll li fir-rigward tal-offerta reġjonali tal-ġbir ta' skart, numru ta' kuntratturi kienu għamlu mandat ta' inibizzjoni kontra r-reġjuni, id-Dipartiment tal-Kuntratti u kontra l-Wasteserv. Huwa qal li dan il-każ għandu jibda jinstema' fil-ġranet li ġejjin.

44.3.7 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu attendew għal konferenza stampa fejn ingħatat il-konferma dwar ir-rebħ ta' €8486.40 għal tisbiħ ta' żona mitluqa fi Triq il-Gladjoli mill-iskema tal-*Urban Greening* ta' Ambjent Malta. Is-SE infurmat li kienet ħadet ħsieb li titlob lil IM biex

jagħmlu pavimentar ġdid qabel jinbeda x-xogħol. Minħabba li ma kienx hemm risposta kien hemm qbil li għandha tibgħat kommunikazzjoni wkoll lill-PWD biex possibbilment jagħmlu l-pavimentar huma.

44.3.8 Is-Sindku informa li r-Reġjun Tramuntana kien se jagħti €3000 biex tiġi organizzata attività soċjali minn xi entità minn kull lokalità. Fuq suġġeriment tas-Sindku, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jiġu avviċinati ż-żewġ gruppi tal-iscouts tal-lokalità biex jorganizzaw attività bejniethom.

44.3.9 Fis-Sindku informa li hemm il-ħsieb li l-Festival Baned u Nar organizzat mir-Reġjun Tramuntana jitwassal ukoll fl-Imtarfa f'Mejju 2023.

44.3.10 Is-Sindku informa li wara l-laqgħa tal-Kunsill kien se jattendi għal laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Alison Zerafa Civelli.

44.3.11 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Simon Fenech. Il-ħin kien is-5:55pm.

## 44.4 Vakanza għal Skrivan/a

44.4.1 Is-SE infurmat li kienu saru l-intervisti u kien hemm rakkomandazzjoni mill-bord biex tintagħżel kandidata in partikolari li kienet issodisfat il-kriterji kollha meħtieġa.

44.4.2 Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjonijiet tal-bord u għaldaqstant din il-persuna se tintalab biex tibda l-impjieg bħala skrivana mal-Kunsill mill-aktar fis possibbli.

## 4.5 Offerta MTFLC/T/002/2022 – *Tender for the installation of mechanical and electrical (M&E) Services at the Mtarfa Visitors Centre (re-issue)*

44.5.1 Is-SE infurmat li kienu ntalbu żewġ kjarifiki mill-offerenti li kien hemm u li xorta waħda l-offerenti baqgħu ma kienux *compliant*.

44.5.2 Għaldaqstant kien sar arranġament biex din l-offerta terġa' tinħareġ għat-tielet darba. Il-Bord tal-evalwazzjoni ma kienx se jinbidel.

44.5.3 Min-naħa tas-SE kellha wkoll tikkomunika mad-DLG sabiex titlob permess biex possibbilment din l-offerta tinħareġ b'mod aċċellerat.

## 44.6 Triq Ta' Paroli (eks Triq Ġdida fi Triq l-Imtarfa)

44.6.1 Is-SE infurmat li kienet ġiet mgħarrfa mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq li kienu aċċettaw is-suġġeriment tal-Kunsill biex Triq Ġdida fi Triq l-Imtarfa tissemma' Triq Ta' Paroli għall-individwu/familja li kellha l-għelieqi f'dik iż-żona.

44.6.2 Il-Kunsill kien se jieħu ħsieb li jpoġġi tabella ġdida bl-isem tat-triq.

## 44.7 Tiġrija tal-Malta Classic / Mdina Grand Prix

44.7.1 Is-Sindku informa li kienet saret il-laqgħa mal-Malta Classic fejn kienu attendew ukoll rappreżentant ta' TM, l-Ispettur tar-Rabat, membri mill-Kunsill tal-Imdina u kienet intbagħtet ittra ta' oġġezzjoni mill-Kunsill tar-Rabat minħabba li ma seta' jkun hemm ħadd jattendi. Sadanittant is-SE kienet irċeviet ukoll ittra ta' oġġezzjoni formali min-naħa tal-Kunsill Lokali tal-Imdina.

44.7.2 Kien hemm qbil li tinħareġ stqarrija pubblika bejn it-tliet Kunsilli li qed joġġezzjonaw għall-attività. Is-SE se tieħu ħsieb tagħmel kommunikazzjoni maż-żewġ Kunsilli.

## 44.8 Approvazzjoni tar-Risposta għall-*Management Letter*

44.8.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-risposta għall-*Management Letter* li kienet ħejjiet biex tgħaddi lura lill-Awditur Ġenerali.

44.8.2 Il-Kunsill qabel mar-risposti u għaldaqstant l-ittra ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 44.9 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (April – Ġunju 2022)

44.9.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-rapport finanzjarju mħejji mill-*accountant* tal-Kunsill permezz tal-*email*.

44.9.2 Il-Kunsill approva r-rapport u r-rapport ġie ffirmat mis-Sindku u mis-SE.

## 44.10 Punti Oħra

44.10.1 Is-SE infurmat li 4 snin ilu, hi u s-Sindku kienu ġew avviċinati mill-Kumpanija FACES dwar l-installazzjoni u tibdil ta' *bus shelters*. Minħabba li kien għadda ż-żmien, kienet qed tinforma li hi u s-Sindku kienu reġgħu għamlu kuntatt magħhom biex issir laqgħa biex possibbilment jintlaħaq ftehim magħhom. Aktar informazzjoni tingħata waqt il-laqgħat li ġejjin.

44.10.2 Is-SE infurmat li wara kampanja ta' riklami fuq facebook, kien hemm 3 persuni li wrew interess li jiffurmaw parti mill-grupp ta' voluntiera Din l-Art Ħelwa – Imtarfa. Hija ħeġġet lill-Kunsilliera biex jekk jafu b'xi persuni, b'mod speċjali nies irtirati, nisa tad-dar jew studenti, iħeġġuhom biex japplikaw.

44.10.3 Kienet reġgħet intbagħtet ittra oħra lis-sidien tal-garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa sabiex jiġu l-uffiċċju jiffirmaw id-dikjarazzjoni għal IM u jgħaddu kopja tal-kuntratt għall-HA. L-Awtorità tad-Djar kienet infurmat li qabel ma jkollhom il-kuntratti u d-dikjrazzjonijiet kollha mhux se jmexxu fuq dan il-proġett.

44.10.4 Is-SE infurmat li kienet irċeviet stedina għal laqgħa għall-Kunsill kollu mal-Ministeru tas-Sigurtà Soċjali fir-rigward tal-Proġett taċ-Ċentru Terapewtiku.

44.10.5 Il-Kunsillier Fenech ġibed l-attenzjoni li xtaq li l-Kunsilliera jkunu infurmati meta s-Sindku u s-SE ikunu se jattendu għal xi konferenza stampa f'isem il-Kunsill. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

44.10.6 Il-Kunsillier Fenech ġibed l-attenzjoni li l-kuntrattur tas-*soft areas* ma kienx mar jagħmel xogħol ta' żbir fejn kien wiegħed li se jagħmel, għalkemm xorta waħda sar xogħol ieħor minflok.

44.10.7 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li ssir xi *identification tag* jew *high visibility vest* bl-isem tal-Kunsill biex il-ħaddiem li jagħmel l-ispezzjonijiet ikun jista' juri li qed jirrappreżenta lill-Kunsill. Kien hemm qbil li għandhom isiru t-tnejn li huma.

## 44.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

44.11.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 07/2022), kopja tagħha mehmuża.

44.11.2 Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 44.12 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

44.12.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7:10pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 30 ta' Awwissu 2022 fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 30 ta' Awwissu 2022.

| | |
|---|---|
| Kyle Mifsud | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |